# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Frar, 2001**

**Numru : 12**
**Citaz. Numru : 746/99/RCP**

**J.A.V. Service Station Limited**

**vs**

**Emmanuel Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenut Emmanuel Bezzina huwa debitur tas-socjeta attrici J.A.V. Service Station Limited fis-somma komplessiva ta' tlett elf sitt mija u sbatax il-lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm3617.22) bilanc ta' somma akbar prezz ta' 'fuel' mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat ihallas, kemm b'ittra interpellatorja tal-1 ta' LuIju 1998 kif ukoll b'ittra

ufficjaliipprezentata fit-3 ta' Awissu 1998 baqa' inadempjenti.

Illi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-Affidavit hawn anness u markat Dokument “X”;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smiegh;

2. tikkundanna lill-konvenut Emmanuel Bezzina bhala debitur tas-socjeta attrici ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' tlett elf sitt mija u sbatax il-lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm3617.22) bilanc ta' somma akbar prezz ta' ‘fuel' mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u dan oltre l-imghaxijiet legali tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq I-istess somma b'effett mill-1 ta' LuIju 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

BI-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Awissu 1998 u tlett liri (Lm3) tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' LuIju 1998 kontra I-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta’ elf u sbatax il-lira Maltin u tnejn u ghoxrin centenzmu (Lm1017.22c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif ridotta

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta’ elf u sbatax il-lira Maltin u tnejn u ghoxrin centenzmu (Lm1017.22c) u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Awissu 1998 u tlett liri (Lm3) tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' LuIju 1998 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**15 ta’ Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**15 ta’ Frar, 2001**